

DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 70/2018

tat-23 ta' Marzu 2018

li temenda l-Anness XX (L-Ambjent) tal-Ftehim ŻEE [2020/87]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim ŻEE”), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2117 tal-21 ta' Novembru 2017 li tistabbilixxi l-konklużjonijiet tal-aqwa tekniki disponibbli (BAT), skont id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-produzzjoni ta' sustanzi kimiċi organiċi f'volumi kbar (⁽¹⁾) trid tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness XX tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 1fq (id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1442) tal-Anness XX tal-Ftehim ŻEE:

“1fr. **32017 D 2117:** id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2117 tal-21 ta' Novembru 2017 li tistabbilixxi l-konklużjonijiet tal-aqwa tekniki disponibbli (BAT), skont id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-produzzjoni ta' sustanzi kimiċi organiċi f'volumi kbar (ĠU L 323, 7.12.2017, p. 1).”

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2017/2117 bil-lingwa Iż-żandek u b'dik Norveġiża, li ser jiġu ppubblikati fis-Suppliment dwar iż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-24 ta' Marzu 2018, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifikasi kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Marzu 2018.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Claude MAERTEN

(¹) ĠU L 323, 7.12.2017, p. 1.

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonal.